A.L. 28 ta' l-1986

ATT TA' L-1981 DWAR L-IMPRIŻA TA' L-ASSIGURAZZJONI (ATT NRU. XVII TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni ta' l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 ta' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni ta' l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1986.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"l-assiguratur konċernat" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti;

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni;

"il-Fond" tfisser il-Fond ta' Assigurazzjoni mwaqqaf taħt l-artikolu 26 ta' l-Att;

"il-Kumitat" tfisser il-Kumitat tal-Fond ta' Assigurazzjoni mwaqqaf taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi.

TAQSIMA I

Il-Fond ta' Assigurazzjoni

Għanijiet tal-Fond.

3. L-għanijiet tal-Fond ta' Assigurazzjoni għandhom ikunu —

(a) sabiex ikun jista' jħallas għar-rigward ta' talbiet kontra kumpannija ta' assigurazzjoni liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta li tibqa' ma titħallasx minħabba insolvibbiltà ta' dik il-kumpannija;

(b) sabiex jingħata kumpens lil vittmi ta' diżgrazzji tat-traffiku fit-triq f'ċirkostanzi partikolari.

Status legali u rappreżentanza tal-Fond.

4. (1) Il-Fond għandu jkun korp magħqud b'personalità ġuridika distinta u bil-fakoltà, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti, li jagħmel kuntratti, li jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet ta' l-operazzjonijiet

tiegħu, li jħarrek jew jiġi mħarrek u li jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u jidħol f'dawk in-negozjati kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(2) Iċ-*Chairman* għandu r-rappreżentanza ġuridika tal-Fond:

Iżda l-Kumitat jista' jaħtar xi wieħed jew iktar mill-membri jew uffiċjali jew impjegati tal-Fond sabiex jidħru għan-nom u in rappreżentanza tal-Fond f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, inkartament jew kull dokument li jkun; u meta jibda jkollhom effett it-Taqsima II jew it-Taqsima III ta' dawn ir-regolamenti, għar-rigward ta' kull setgħa jew dmir tal-Fond kif jitwettqu minn xi korp jew persuna kif provvdut fil-paragrafu (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, dan il-korp jew persuna jew ir-rappreżentant ġuridiku tagħhom ikollu wkoll ir-rappreżentanza ġuridika tal-Fond.

Amministrazzjoni tal-Fond.

5. (1) Il-Fond għandu jkun amministrat u jaqa' taħt il-kontroll ġenerali tal-Kumitat.

(2) Bla ħsara għal dak imsemmi aktar 'il fuq, il-Kumitat għandu s-setgħa jaħtar uffiċjali u impjegati tal-Fond u jagħtihom dawk is-setgħat jew dik l-awtorità li jidhirlu xierqa: u l-Kumitat jista' wkoll, biex ikun jista' jwettaq aħjar l-għanijiet tiegħu, jaqtagħha li xi parti mix-xogħol tiegħu, jitmexxa f'ismu minn dak il-korp jew persuna u b'dawk l-arranġamenti jew b'dak il-ftehim kif jidhirlu xieraq.

(3) Il-Kumitat ma jistax jidħol fi ftehim jew jagħmel arranġamenti kif previst fil-paragrafu minnufih ta' qabel dan għar-rigward tal-għan indikat fil-paragrafu (b) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ma jkunx hemm iseħħ u b'mod li jkun sodisfaċenti għall-Kumitat, ftehim fost l-assiguraturi li joperaw fl-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur li jkun jorbothom kollha u li jkun jeħtieġ minnhom li jaġixxu bħala assiguraturi konċernati; u meta ftehim bħal dak bejn l-assiguraturi ma jibqax aktar iseħħ jew ma jibqax aktar għal kollox jogħġob lill-Kumitat, kull ftehim jew arranġament li jsir mill-Kumitat taħt dan ir-regolament ma jibqax iktar iseħħ minn meta jingħata avviż bil-miktub mill-Kumitat lil dik il-persuna li tista' legalment tirċievi avviżi għan-nom tal-korp li miegħu, ikun sar l-arranġament jew il-ftehim.

(4) Meta l-Kumitat ikun għamel arranġament jew laħaq ftehim kif previst fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, u sakemm dak l-arranġament jew ftehim ikun għadu jseħħ, it-Taqsima II ta' dawn ir-regolamenti għandha sseħħ jekk l-arranġament jew ftehim ikun jirrigwarda l-għan indikat fil-paragrafu (a) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u t-Taqsima III ta' dawn ir-regolamenti għandha sseħħ jekk l-arranġament jew ftehim jirrigwarda l-għan indikat fil-paragrafu (b) ta' dak ir-regolament.

Il-Kumitat tal-Fond ta' Assigurazzjoni.

6. (1) Għandu jkun hemm Kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat tal-Fond ta' Assigurazzjoni, li jkun kompost minn ħames membri li jiġu appuntati mill-Ministru u li jkunu jinkludu —

(a) uffiċjal pubbliku li jkun qed jagħmel dmirijiet fil-ministeru responsabbli għall-finanzi;

(b) persuna magħżula minn fost id-diretturi jew uffiċjali ta' assiguraturi lokali;

(ċ) persuna magħżula minn fost id-diretturi jew uffiċjali ta' assiguraturi barranin jew ta' l-aġenti tagħhom.

(2) Il-Ministru għandu wkoll jaħtar iċ-*chairman* u l-viċi-*chairman* tal-Kumitat.

(3) Kull membru tal-Kumitat, inklużi ċ-*chairman* u l-viċi-*chairman*, jibqgħu fil-kariga għal dak iż-żmien li jista' jkun f'dak iż-żmien iffissat mill-Ministru jew li jista' jkun indikat fl-ittra tal-ħatra tiegħu.

(4) Il-Kumitat jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost l-għadd tal-membri tiegħu iżda jista' biss jaġixxi jekk mill-inqas tliet membri jkunu preżenti.

(5) Iċ-*Chairman* għandu jkollu vot oriġinali u, f'każ li l-voti jkunu ndaqs, vot ieħor jew *casting vote*.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti, il-Kumitat ikollu s-setgħa li jirregola l-proċedimenti tiegħu u jista' wkoll jistabilixxi, dawk il-proċeduri jew jagħmel dawk ir-regoli li hekk jidhirlu xierqa għat-twettiq sħiħ ta' l-għanijiet tiegħu.

Kontribuzzjonijiet fil-Fond.

7. (1) Il-Kontribuzzjonijiet li għandhom isiru fil-Fond mill-assiguraturi skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att għandhom ikunu dawk preskritti b'dan ir-regolament.

(2) Kull assiguratur liċenzjat għandu jħallas kontribuzzjoni annwali ta' Lm100 u din il-kontribuzzjoni għandha titħallas fil-ħmistax ta' Jannar ta' kull sena, b'dan illi għar-rigward tas-sena 1986, il-ħlas għandu jsir mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn meta jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti.

(3) Kull assiguratur liċenzjat għandu wkoll, iħallas fil-Fond dak l-ammont u f'dak iż-żmien jew żminijiet li fil-fehma tal-Kumitat jista' jkun meħtieġ f'xi każ speċifiku, jew iktar, għall-għanijiet tal-Fond skond il-paragrafu (a) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax fil-każ ta' assiguratur liċenzjat li jkun għaqda ta' *underwriters* individwali u li jkun intrabat b'mod aċċettabbli għall-Ministru li jħallas kull talba f'każ ta' insolvibbiltà ta' *underwriter* membru.

(4) Kull kumpannija li hija liċenzjata biex tmexxi intrapriża ta' assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur għandha, barra minn hekk, tikkontribwixxi fil-Fond dawk l-ammonti u f'dak iż-żmien jew żminijiet, li l-Kumitat jista' jistabilixxi wara li jkun ikkunsidra l-ammonti meħtiġin jew mistennijin li jkunu meħtiġin għall-għanijiet tal-Fond skond il-paragrafu (b) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Kull differenza fil-kontribuzzjoni bejn klassijiet ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni jew ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni jew minħabba ċirkostanzi oħra għandha tiġi determinata mill-Kumitat; iżda l-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet li għandhom isiru mill-assiguraturi fl-istess klassi jew fl-istess ċirkostanzi, għandhom jiġu stabbiliti, sakemm ikun prattikabbli, b'mod relatat mal-*premia* netti minn ċessjo-

nijiet obbligatorji skond l-Att li jkunu ġew riċevuti matul dak iż-żmien jew żminijiet li l-Kumitat jista' jikkunsidra bħala proprju għal dan il-għan.

Rapport mill-Kumitat.

8. (1) Il-Kumitat għandu kull sena, u mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-għeluq tas-sena finanzjarja tiegħu, jissottometti lill-Ministru rapport dwar l-attivitajiet tal-Fond matul dik is-sena.

(2) Kopja tal-karta tal-bilanċ verifikata u tal-kont tal-qliegħ u telf għas-sena imsemmija, kif ukoll kopja tar-rapport tal-uditur, għandhom ikunu mehmużin mar-rapport tal-Kumitat.

(3) Kopja tar-rapport tal-Kumitat flimkien mad-dokumenti kollha mehmużin miegħu għandhom jitqiegħdu mill-Ministru fuq il-Mejda tal-Kamra.

Sena finanzjarja tal-Fond.

9. Is-sena finanzjarja tal-Fond tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja.

Kontijiet tal-Fond.

10. (1) Il-Kumitat għandu jara li jinżammu kotba xierqa għar-rigward ta' —

(a) is-somom kollha ta' flus li jkunu daħlu fi u ġew minfuqin mill-Fond u l-materja li dwarhom id-dħul u l-infieq ikunu saru;

(b) l-attiv u l-passiv tal-Fond.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 26 ta' l-Att u mingħajr preġudizzju għal kull trattament separat li għandu jingħata taħt dawk id-dispożizzjonijiet, kontijiet separati għandhom ukoll jinżammu għar-rigward ta' kull għan separat tal-Fond; u kull dħul li jsir għar-rigward ta' kull wieħed minn dawn l-għanijiet għandu jiġi utilizzat esklussivament għall-ħlasijiet li jsiru għar-rigward ta' dak l-għan:

Iżda xejn f' dan il-paragrafu ma għandu jżomm milli jsiru ħlasijiet ta' somom mill-Fond biex jinqatgħu spejjeż amministrattivi, legali jew oħrajn li jkunu komuni għal żewġ għanijiet jew iktar, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu maqsumin kif imiss bejn dawn l-għanijiet.

(3) Il-Kotba għandhom jinżammu fl-uffiċċju tal-Fond jew f'dak il-post jew postijiet oħra li l-Kumitat jidhirlu xierqa.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 134 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 Dwar Soċjetajiet Kummerċjali għandhom, sa fejn ma jkunux inkompatibbli, japplikaw għall-karta tal-bilanċ u għall-qliegħ u telf tal-Fond billi kull riferenza għal "kumpannija" u "diretturi" f'dawk id-dispożizzjonijiet għandha tiġi sostitwita b'riferenza għal "il-Fond" u "membri tal-Kumitat" rispettivament.

Eżami tal-kontijiet.

11. (1) Mill-inqas darba f'kull sena finanzjarja l-kontijiet tal-Fond għandhom jiġu eżaminati u l-korrettezza ta' kull karta tal-bilanċ u ta' qliegħ u telf għandha tkun ċertifikata minn persuna approvata mill-Ministru.

(2) Il-kont ta' qliegħ u telf għandu jkun mehmuż mal-karta tal-bilanċ, u r-rapport ta' l-uditur għandu jkun mehmuż magħhom.

(3) Kopja ta' kull karta ta' bilanċ u kont ta' qliegħ u telf, flimkien ma' kopja tar-rapport ta' l-uditur għandhom jiġu pubblikati f'żewġ gazzetti lokali, waħda bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż, u jkunu jistgħu jiġu spezzjonati mill-pubbliku fl-uffiċċju tal-Fond.

TAQSIMA II

Ħlas ta' Talbiet f'Każ ta' Insolvibbiltà

Talbiet f'każ ta' Insolvibbiltà.

12. (1) Meta kumpannija li tkun liċenzjata biex tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni f'Malta bħala prinċipal ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha, (aktar 'il quddiem imsejjħa l-"kumpannija nsolvibbli"), il-Kumitat jista', għar-rigward ta' dawk mill-obbligazzjonijiet imsemmija li joħorġu minn polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa f'Malta, jagħmel ħlasijiet mill-Fond, taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dawn ir-regolamenti, lill-persuna jew persuni assigurati b'dik il-polza.

(2) Ebda ħlas ma għandu jsir mill-Fond taħt din it-Taqsima sakemm il-Kumitat ma jkunx sodisfatt li l-kumpannija hija fil-fatt fi stat ta' insolvibbiltà.

Meta jsir il-ħlas.

13. F'każ ta' kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, il-ħlasijiet isiru lil kull assigurat; fil-każ ta' kuntratti ta' assigurazzjoni l-oħra kollha l-ħlasijiet għandhom isiru lil kull assigurat li hu individwu u lil kull korp mhux magħqud jew assoċjazzjoni ta' persuni jekk dawn il-persuni kollha huma individwi:

Iżda ma għandu jsir ebda ħlas mill-Fond għar-rigward tal-klassijiet ta' assigurazzjoni li ġejjin, li huma —

(a) marittima, ta' avjazzjoni jew trasport; jew

(b) assigurazzjoni ta' *group personal accident;* jew

(ċ) rijassigurazzjoni.

Quantum ta' ħlas.

14. Għar-rigward ta' obbligazzjoni li teħtieġ li tkun koperta minn leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja, kif imfissra fit-Taqsima III ta' dawn ir-regolamenti, il-ħlasijiet li jsiru taħt din it-Taqsima għar-rigward ta' l-obbligazzjonijiet fuq imsemmijin inkorsi mill-assigurat ta' assiguratur insolvibbli għandhom ikopru dawn l-obbligazzjonijiet kollha; għar-rigward ta' l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha, il-ħlas li jsir taħt din it-Taqsima għandu jkun limitat għal ħamsa u sebgħin fil-mija ta' l-obbligazzjonijiet inkorsi f'xi każ wieħed jew għal għaxart elef lira Maltija, skond liema hu l-inqas ammont.

Meta ma għandux isir ħlas.

15. F'ebda każ ma għandu jsir xi ħlas taħt din it-Taqsima:

(a) meta t-talba issir għar-rigward ta' *premia* mhux imħallsin;

(b) meta t-talba ssir minn jew għar-rigward ta' persuna li jkollha jew tikkontrolla ħamsa u għoxrin fil-mija jew iktar mill-azzjonijiet li jagħtuha dritt għall-vot jew drittijiet tal-vot ta' l-assiguratur insolvibbli.

Poloz fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja.

16. Bla ħsara għall-ħtiġijiet ta' l-artikolu 26 ta' l-Att, meta kumpannija tmexxi l-impriża ta' assigurazzjoni kemm fuq il-ħajja kif ukoll mhux fuq il-ħajja, għandu jingħata wkoll trattament separat lill-ħlasijiet li jsiru fil-Fond għar-rigward ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, li għandhom jiġu utilizzati esklussivament għall-ħruġ ta' ħlasijiet dwar poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, u għar-rigward ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, li għandhom jiġu utilizzati esklussivament għall-ħruġ ta' ħlasijiet dwar poloz ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja.

Assenjazzjoni ta' drittijiet.

17. Ma għandu jsir ebda ħlas taħt din it-Taqsima jekk mhux u sakemm min japplika għall-ħlas ikun assenja lill-Fond kull dritt għal kull ħlas li għalih jista' jkollu dritt għar-rigward ta' l-istess obbligazzjoni; u meta din l-obbligazzjoni tkun koperta b'xi rijassigurazzjoni l-Fond għandu, b'żieda ma' dan, ikollu dritt li jfittex kull ġbir li jista' jagħmel mir-rijassigurazzjoni daqslikieku kien l-assiguratur innifsu.

TAQSIMA III

Kumpens lill-Vittmi ta' Inċidenti tat-Traffiku

Tifsir.

18. (1) F'din it-Taqsima tar-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"assiguratur" tfisser kull kumpannija jew korp ieħor jew assoċjazzjoni li jmexxu l-impriża ta' l-assigurazzjoni;

"assiguratur tal-karozzi" tfisser kull assiguratur li hu awtorizzat li jmexxi assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta;

"assigurazzjoni" tfisser assigurazzjoni kontra l-obbligazzjoni li toħroġ mill-feriment tal-persuna li tkun saret permezz ta' jew taħt polza ta' assigurazzjoni, *cover note,* korrispondenza jew kull mezz ieħor, minkejja jekk ikunx ħareġ jew ġie mogħti jew le ċertifikat ta' assigurazzjoni kif meħtieġ mil-leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja;

"il-Bureau" tfisser l-assoċjazzjoni jew korp ieħor imwaqqaf minn assiguraturi tal-vetturi bil-mutur li miegħu, il-Kumitat ikun għamel arranġamenti jew ftehim kif provvdut fil-paragrafu (2) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"debitur kif ġudikat" tfisser persuna li kontriha jkun hemm ġudikat għar-rigward ta' obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna;

"ġudikat" tfisser deċiżjoni ta' qorti kompetenti f'Malta li saret *res judicata,* iżda ma tinkludix deċiżjoni li tordna l-eżekuzzjoni f'Malta ta' deċiżjoni barranija;

"kreditur oriġinali kif ġudikat" tfisser dik il-persuna jew dawk il-persuni li favur tagħha jew tagħhom ikun hemm ġudikat għar-rigward ta' obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna u li għandha jew għandhom id-dritt li jgħaddu għall-eżekuzzjoni tagħha;

"kumpannija" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att, iżda ma tinkludix assoċjazzjoni ta' *underwriters* individwali;

"leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja" tfisser l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni, jew kull liġi li tidħol fis-seħħ minflokha minn żmien għal żmien, u kull regolament li jsir skond dik l-Ordinanza jew xi liġi li tidħol minflokha;

"obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna" tfisser kull obbligazzjoni li toħroġ mill-mewt jew mill-feriment tal-persuna ta' xi terza persuna li hija meħtieġa li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taħt leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja.

(2) Sa fejn jintlaqtu xi poteri u dmirijiet li joħorġu minn xi arranġamenti jew ftehim li jsiru bejn il-Kumitat u l-Bureau taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-espressjoni "il-Fond" f'din it-Taqsima għandha tinkludi l-Bureau.

19. (1) Bla ħsara u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, "l-assiguratur konċernat" tfisser dak l-assiguratur li kien fiż-żmien ta' l-inċident li kkawża obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna, qiegħed jagħti assigurazzjoni kontra obbligazzjoni bħal din għar-rigward tal-vettura li b'kawża ta' l-użu tagħha ġiet inkorsa l-obbligazzjoni tad-debitur kif ġudikat. L-assiguratur konċernat.

(2) Assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi—

(a) l-assigurazzjoni kienet inħarġet wara l-inċident li kkawża l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna iżda li kienet intiża li tkun effettiva fil-ħin ta' dak l-inċident; jew

(b) l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball; jew

(ċ) xi terminu, deskrizzjoni, limitazzjoni, eċċezzjoni jew kundizzjoni (kemm jekk espressa jew impliċita) ta' l-assigurazzjoni jew tal-*proposal form* li fuqha hija bbażata espressament jew impliċitament jeskludi l-obbligazzjoni ta' l-assiguratur kemm jekk b'mod ġeneriku jew fiċ-ċirkostanzi partikolari li kkaġunaw l-obbligazzjoni tad-debitur kif ġudikat; jew

(d) id-debitur kif ġudikat ma kienx awtorizzat li jkun fil-pussess tal-vettura li b'kawża ta' l-użu tagħha ġiet inkorsa l-obbligazzjoni tad-debitur kif ġudikat; jew

(e) il-vettura li b'kawża ta' l-użu tagħha ġiet inkorsa l-obbligazzjoni tad-debitur kif ġudikat kienet, fiż-żmien li ġiet inkorsa l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna —

(i) qiegħda tintuża għal xi għan mhux awtorizzat mill-assigurazzjoni, jew

(ii) qiegħda tintuża minn persuna mhux awtorizzata li ssuq il-vettura skond il-pattijiet ta' l-assigurazzjoni; jew

(f) is-sewwieq tal-vettura li b'kawża ta' l-użu tagħha ġiet inkorsa l-obbligazzjoni tad-debitur kif ġudikat kien, fil-ħin li ġiet inkorsa l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna, skwalifikat milli jżomm jew jikseb liċenza tas-sewqan tal-vettura jew kellu l-liċenza tiegħu sospiża jew qatt ma kellu validament dik il-liċenza.

(3) Assiguratur mhuwiex l-assiguratur konċernat —

(a) meta l-assigurazzjoni kienet tħassret qabel il-jum li fih ġiet inkorsa l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna, bi ftehim bejn il-partijiet f'din l-assigurazzjoni u bil-permess miktub u mogħti bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija; jew

(b) meta l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna tkun ġrat wara li tkun tħassret l-assigurazzjoni taħt setgħa ta' tħassir li tkun fl-istess assigurazzjoni u wara li jkun ingħata avviż ta' dan it-tħassir lill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja; jew

(ċ) meta l-assigurazzjoni tkun waqfet milli tibqa' fis-seħħ qabel id-data meta tkun ġiet inkorsa l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna minħabba t-trasferiment ta' interess fil-vettura li l-assigurazzjoni tkun intiża li qed tkopri; jew

(d) meta l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna tkun ġiet inkorsa wara deċiżjoni tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti li tkun saret *res judicata* tkun iddikjarat l-assigurazzjoni bla effett u li ma tistax tiġi eżegwita; jew

(e) meta l-obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna tkun ġiet inkorsa wara l-jum illi l-assigurazzjoni tkun skadiet billi jkun għadda ż-żmien li għalih tkun saret.

(4) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti assiguratur ta' assigurazzjoni ta' riskji tat-triq ta' kummerċjanti ta' vetturi li jkun qed ikopri vetturi mhux speċifikati għandu, għar-rigward ta' dawk il-vetturi u minkejja x'jista' jkun il-għan ta' l-assigurazzjoni, ikun l-assiguratur konċernat —

(a) għar-rigward ta' vetturi li mhumiex proprjetà ta' l-assigurat jekk, u biss jekk, il-vettura li kawża tagħha ssir it-talba kienet fil-kustodja jew kontroll ta' l-assigurat jew jekk tkun tneħħiet minn din il-kustodja jew kontroll mingħajr l-awtorità ta' l-assigurat; u

(b) għar-rigward ta' vetturi li huma proprjetà ta' l-assigurat, f'kull żmien, ħlief għall-fatt li dan l-assiguratur ma jkunx l-assiguratur konċernat għar-rigward ta' xi vettura li tkun speċifikatament eskluża milli tkun koperta bl-assigurazzjoni b'riferenza għall-marka ta' reġistrazzjoni u numru tagħha, jew li tkun speċifikatament assigurata f'isem il-kummerċjant tal-vetturi ma' assigurazzjoni oħra; u

meta assiguratur konċernat taħt assigurazzjoni ta' riskji ta' kummerċjanti ta' vetturi kif fuq imsemmi u assiguratur konċernat taħt assigurazzjoni ta' vettura speċifikata jkunu t-tnejn imdaħħlin f'ċirkostanzi li fihom ebda assigurazzjoni ma tkun marbuta taħt l-assigurazzjoni tagħha, kull waħda minnhom għandha, minkejja dan, tkun obbligata *in solidum* għal kull ammont dovut għal danni u spejjeż għar-rigward ta' kull obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna, u dan l-ammont ikun dovut fir-relazzjonijiet ta' dawn l-assiguraturi bejnithom kwantu għal nofs kull wieħed.

(5) Meta persuna li tidħol Malta tkun assigurata, jew ikollha polza li l-għan tagħha jkun li tipprovdi assigurazzjoni, kontra obbligazzjoni dwar feriment tal-persuna u din l-assigurazzjoni tkun inħarġet minn barra minn Malta minn assiguratur, jew minn kumpannija sussidjarja jew assoċjata ma' assiguratur, il-kumpannija li tkun ħarġet l-assigurazzjoni tkun l-assiguratur konċernat fil-każ li l-persuna assigurata ssir debitur kif ġudikat.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament "assigurazzjoni ta' riskji tat-triq ta' kummerċjanti ta' vetturi" tfisser polza ta' assigurazzjoni maħruġa lil persuna li tkun taħdem fix-xiri, bejgħ, tiswija, kundizzjonar tajjeb, *service* jew manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur li tkun tindennizzah għar-rigward ta' obbligazzjonijiet lejn terzi persuni li joħorġu mill-użu ta' vetturi proprjetà tiegħu jew li jkunu fil-kustodja u l-kontroll tiegħu waqt li jkunu qed jiġu wżati fit-triq.

Ħlas ta' talbiet mill-Fond.

20. (1) Meta ġudikat għar-rigward ta' xi obbligazzjoni li toħroġ mill-mewt jew mill-feriment ta' xi terza persuna li tkun meħtieġa li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taħt leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja jkun inkiseb kontra xi persuna jew persuni u, kemm jekk fiż-żmien ta' l-inċident li jikkawża din l-obbligazzjoni ma jkunx

hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni kif meħtieġ mill-leġislazzjoni msemmija, jew jekk din il-polza ma jkollhiex seħħ għal xi raġuni li ma tkunx dik li l-assiguratur ma jkunx jista' jħallas, u din l-obbligazzjoni ma tkunx tħallset kollha kemm hi fi żmien tmienja u għoxrin jum mill-ġurnata li fiha l-persuna jew persuni li favur tagħhom ikun ingħata dak il-ġudikat kellhom id-dritt li jesegwuh, f'dan il-każ, jekk ma jkunx hemm assiguratur konċernat u jekk ikun hemm xi mewt jew feriment tal-persuna gravi u permanenti, il-Fond jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jagħmel ħlasijiet *ex gratia* lill-persuna jew persuni li favur tagħhom ikun ingħata dak il-ġudikat, mill-fondi li jkunu mwarrbin biex jintużaw għal ħlas ta' kumpens lil vittmi ta' inċidenti tat-traffiku:

Iżda ebda ħlasijiet ma jistgħu jsiru taħt dan ir-regolament meta l-ġudikat ikun għar-rigward ta' vettura li l-użu tagħha jkun kopert minn sigurtà (jew fin-nuqqas ta' dik is-sigurtà minn depożitu) skond il-leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja sakemm ma jkunx hemm ukoll fis-seħħ, għar-rigward ta' din il-vettura, polza ta' assigurazzjoni intiża biex tkopri dak l-użu tal-vettura.

(2) Ma għandu jsir ebda ħlas taħt dan ir-regolament sakemm ma jseħħux dawn il-kundizzjonijiet:

(a) li ma jkunx ingħata avviż bil-miktub permezz ta' ittra reġistrata jew ittra uffiċjali, tal-proċedimenti li jwasslu għall-ġudikat fi żmien sebat ijiem wara li jinbdew dawn il-proċedimenti mill-attur f'dawn il-proċedimenti:

(i) lill-assiguratur, f'kull każ fejn kien hemm fis-seħħ fiż-żmien ta' l-inċident polza ta' assigurazzjoni intiża biex tkopri l-użu tal-vettura, u dan il-fatt kien magħruf lill-istess attur; jew

(ii) lill-Bureau f'kull każ ieħor;

(b) jekk ikun hekk meħtieġ mill-Fond l-attur ikun ħa l-passi kollha raġonevoli biex jikseb ġudikat kontra kull persuna li kontriha huwa jkun jista' jieħu rimedju għar-rigward u kaġun tal-feriment jew mewt li taw bidu għall-proċedimenti msemmijin;

(ċ) l-attur ikun wettaq il-ħtiġijiet kollha tal-Fond għar-rigward ta' kull ħaġa li tista' tolqot il-ħlas ta' kumpens mill-Fond taħt dawn ir-regolamenti;

(d) il-ġudikat jew ġudikati (inklużi dawk il-ġudikati li jistgħu jinkisbu taħt il-paragrafu (ċ) ta' dan ir-regolament) u d-drittijiet kollha li joħorġu minnhom ikunu mgħoddija lill-Fond;

(e) l-attur f'kull wieħed mill-proċedimenti msemmijin aktar 'il fuq ikun akkredita lill-Fond b'kull ammont lilu mħallas minn jew f'isem il-konvenut f'dawn il-proċedimenti għar-rigward ta' kull obbligazzjoni dwar feriment jew dwar mewt ta' xi persuna li toħroġ mill-ġrajja li għar-rigward tagħha jkun jista' jitħallas kumpens mill-Fond.

Każijiet oħra ta' kumpens.

21. (1) Il-ħlas ta' kumpens li jsir *ex gratia* għar-rigward tal-mewt jew feriment ta' xi persuna kaġunati minn jew li joħorġu mill-użu ta' vettura fi triq f'Malta jista' jsir minn fondi li jkunu twarrbu mill-Fond għall-ħlas ta' kumpens lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, jekk iseħħu l-kundizzjonijiet:

(a) min ikun applika għall-ħlas ma jkunx jista' jsib lil xi persuna li tkun responsabbli għall-mewt jew għall-feriment;

(b) l-applikazzjoni li ssir tkun għar-rigward ta' persuna li tkun ġarrbet il-mewt jew feriment gravi u permanenti;

(ċ) il-mewt jew feriment kienu kawżati f'dawk iċ-ċirkostanzi li fuq bażi ta' bilanċ ta' probabilità l-persuna li ma tinsabx kienet tkun obbligata li tħallas id-danni lil min japplika għar-rigward tal-mewt jew tal-feriment;

(d) l-obbligazzjoni tal-persuna li ma tinsabx biex tħallas id-danni lil min japplika hija waħda li jeħtieġ li tkun koperta minn assigurazzjoni jew sigurtà taħt leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja, u jinftiehem għal dan il-għan, fin-nuqqas ta' xiehda kuntrarja, li l-vettura kienet qed tintuża f'ċirkostanzi li fihom min kien qed jużaha kien meħtieġ mill-imsemmija leġislazzjoni li jkun assigurat jew li jkollu sigurtà kontra riskji tat-terzi persuni;

(e) il-mewt jew il-feriment ma kienux kaġunati mill-użu tal-vettura mill-persuna li ma tinsabx bħala arma, jiġifieri f'tentattiv premeditat li jtajjar bil-karozza lill-mejjet jew lill-persuna li jkun ġarrab feriment;

(f) l-applikazzjoni għall-kumpens tkun saret bil-miktub fi żmien sena mill-jum tal-ġrajja li minnha joħorġu l-mewt jew il-feriment.

(2) Meta ssir applikazzjoni għal kumpens taħt dan ir-regolament, il-ħlas *ex gratia* li jista' jsir mill-Fond kif imsemmi aktar 'il fuq ma għandux jeċċedi t-tmenin fil-mija ta' l-ammont li qorti f'Malta li tapplika d-dritt Malti kienet tistma bħala danni li min japplika kien ikun intitolat li jieħu mingħand il-persuna li ma tinsabx għar-rigward ta' dik il-mewt jew feriment li kieku proċedimenti għal kundanna ta' ħlas ta' danni għar-rigward tagħha kienu ttieħdu b'suċċess minn min japplika kontra l-persuna li ma tinsabx. L-ammont li għandu hekk jitħallas ikun stmat mill-Fond fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu.

(3) Ma għandu jsir ebda ħlas taħt dan ir-regolament sakemm —

(a) min japplika ma jkunx ta dik l-għajnuna kollha li tista' tkun raġonevolment meħtieġa minn jew għall-Fond sabiex tkun tista' ssir kull investigazzjoni;

(b) min japplika ma jkunx ħa dawk il-passi kollha, inklużi proċedimenti legali, kif kien ikun meħtieġ jieħu minn jew għall-Fond bil-għan illi tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' xi persuna jew persuni għar-rigward tal-mewt jew tal-feriment bħala li jkunu kkaġunawhom jew ikkontribwew għalihom jew bħala li kienu s-sid jew prinċipal ta' dik il-persuna jew persuni;

(ċ) min japplika ma jkunx assenja lill-Fond kull dritt għal kull ħlas għar-rigward tal-mewt jew feriment li għalihom tirreferi l-applikazzjoni tiegħu.

Każijiet fejn ma jitħallas ebda kumpens.

22. Ma jista' jsir ebda ħlas taħt dawn ir-regolamenti meta —

(a) il-mewt jew feriment tal-persuna ġraw minħabba jew ħarġu mill-użu ta' vettura bil-mutur li fiż-żmien tal-ġrajja li kkaġunat il-mewt jew feriment tal-persuna kienet proprjetà jew fil-pussess tal-Gvern, sakemm ma kienx hemm fis-seħħ għar-

rigward ta' din il-vettura polza ta' l-assigurazzjoni li kienet maħsuba biex tkopri dak l-użu tal-vettura; u għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, vettura li tkun tneħħiet kontra l-liġi mill-pussess tal-persuna li għal dak iż-żmien ikollha d-dritt li jkollha pussess tagħha, għandha titqies li baqgħet fil-pussess ta' dik il-persuna filwaqt li tkun hekk imneħħija; jew

(b) fiż-żmien ta' l-inċident il-perşuna li ġġarrab il-mewt jew il-feriment tal-persuna —

(i) bħala sid ta' jew meta kienet il-persuna li kienet qed tuża, il-vettura, kienet qed tuża, jew iġġiegħel jew tippermetti l-użu tal-vettura, mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għar-rigward ta' dak l-użu, polza ta' l-assigurazzjoni jew dik is-sigurtà li kienet tkun tissodisfa l-leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja, meta kien jaf jew kellu raġun jaħseb li ma kienux iseħħu dik il-polza jew sigurtà;

(ii) kien qed jippermetti li jinġarr f'vettura li kien jaf jew kellu raġun jaħseb li dik il-vettura ttieħdet mingħajr il-kunsens tas-sid jew awtorità leġittima oħra, sakemm ma kienx jaħseb jew kellu raġun jaħseb li kellu xi awtorità leġittima li jinġarr jew li kien ikollu l-kunsens tas-sid li kieku s-sid kien jaf bil-fatt u biċ-ċirkostanzi tat-teħid tal-vettura, jew sakemm ma kienx sar jaf biċ-ċirkostanzi tat-teħid tal-vettura wara li kien beda l-vjaġġ u meta ma jistax raġonevolment ikun mistenni li jinżel mill-vettura; jew

(ċ) il-mewt jew feriment li għar-rigward tagħhom kien xort'oħra jsir il-ħlas ġraw qabel l-ewwel ta' Lulju, 1986.